**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 428/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jason Vella**

Illum, 29 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Jason Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 3373M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli:

1. Fis-16 t'Ottubru 2012 fi Triq Raħal Ġdid u/jew f'dawn il-gzejjer saq vettura tal-għamla Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA891 u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni ta' ħila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna l-mewt ta' Maria Dolores Farrugia minn Raħal Ġdid skond kif iċċertifikaha Dr Mark Anthony Attard Bianchardi No. 3124 mill-Isptar Mater Dei.
2. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi saq l-imsemmija vettura Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA891 b'manjiera traskurata u perikoluza.
3. Ukoll talli fl-istess ċirkostanza saq l-imsemmija vettura Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA891 bi speed eċċessiv.
4. Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi saq jew ħa f'idejh vettura tal-għamla Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA891 biex juzagħha bejn inzul u tlugħ ix-xemx sew jekk kienet wieqfa u miexja meta ma kellux fanali tad-dawl jaħdmu fiha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 30, 31, 225(1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a), 32 u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet u ddikjarat lill-imputat Jason Vella mhux ħati tal-imputazzjonijiet (3) u (4) u minnhom lliberatu skond il-liġi; izda ħati tal-imputazzjonijiet (1) u (2) miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu komplessivament għall-piena ta' priġunerija ta' sentejn (2) izda, bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9, ordnat li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' erba (4) snin minn dakinhar tas-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li ghalih hemm piena ta' priġunerija; flimkien ma' multa fis-somma komplessiva ta' elfejn euro (€2,000). Illi, ukoll, skond l-Artikolu 28(A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Jason Vella, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, ordnat lill-ħati sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, l-ispejjez skond il-Liġi. Konsegwentement ordnat li kopja tas-sentenza mogħtija tiġi kkomunikata lir-Reġistratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex isseħħ l-ezekuzzjoni ta' din l-Ordni skond il-Liġi. *In oltre*, l-Qorti ordnat l-iskwalifika tal-liċenzji kollha tas-sewqan tal-ħati Jason Vella għal perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant, Jason Vella, ppreżentat fit-3 ta' Ġunju 2021 fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;
2. Tvarjaha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tiddikjarah mhux ħati; u
3. Fl-eventwalita' li t-talba numru (2) tigi miċħuda u dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija taħt l-ewwel u/jew t-tieni imputazzjoni, li tvarja l-piena mposta għal-piena aktar ekwa u ġusta għall-kaz odjern.

Rat l-aggravji imqajma mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

***Ikkunsidrat:***

Illi, l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant huwa marbut mal-apprezzament ta' provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan fir-riwgard tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Jilmenta illi l-apprezzament tal-provi sar mill-Ewwel Qorti b'mod spezzetat u individwali, bil-provi, fil-fehma tiegħu kellhom jiġu analizzati fl-assjem tagħhom sabiex il-ġudikant ikun f'pozizzjoni li jara x'interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lill-provi kkumpilati.

Illi, l-Qorti, fid-dawl ta' dan l-aggravju iqmanqal mill-appellant eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]. Illi l-mertu ta' dan il-każ jikkonċerna inċident tat-traffiku, li sfortunatament kellu konsegwenzi fatali, li seħħ nhar is-sittax (16) ta' Ottubru 2012 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu fi Triq Raħal Ġdid, Raħal Ġdid. Minn investigazzjonijiet preliminari magħmula mill-pulizija, irrizulta li vettura ta' l-għamla Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni AAA-891 misjuqa minn Jason Vella, l-appellant, laqtet mara bl-isem ta' Dolores Farrugia, li kienet qed taqsam it-triq, fejn il-vittma, sfortunatament, ġiet iċċertifikata mejta xi ħin wara. Fl-istqarrija rilaxxata volontarjament mill-appellant nhar is-16 t'Ottubru 2012[2], wara li huwa rrifjuta d-dritt għal-assistenza legali, huwa stqarr:

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] (*a folio* 28 *et seq* tal-Atti Proċesswali)

*Kienu xi s-sitta neqsin ħamsa ta' filgħodu jew is-6am, kont qed insuq fi Triq il-Ħabs lejn il-Marsa b'dan il-vann li hu ta' l-imgħallem tiegħi Mario Borg li għandu l-kumpanija Ħal Qormi. X'ħin qbizt tal-pastizzi kif wasalt fejn tal-lottu mara ħarġet minn naħa tal-passiġġier jiġifieri minn naħa tax-xellug tiegħi minn bejn zewġ karozzi li kienu pparkjati. Din il-mara sibtha ma' wiċċi u ħabtet mill-ewwel mal-vann u jien ibbrekjajt. Ippruvajt niskapulaha u spiċċajt fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Inzilt niġri mill-karrozza u kien hemm ġuvnott fuq l-istage u ġie imbagħad il-pulizija u ċempel għall-ambulanza. Ġie is-surġent u ġiet ukoll l-ambulanza u ħadu lil din il-mara l-isptar u s-surġent zammni miegħu u ħadni l-għassa tal-pulizija ta' Raħal Ġdid biex jagħmilli breathalyser test u peress li ma kienx qed jaħdem sew ħaduni l-għassa Bormla u għamluli test. Imbagħad reġgħu ħaduni fuq il-post u kellimtni int u ħallewni fuq il-post tal-inċident waqt l-aċċess.*

L-appellant jgħid ukoll li kien qed isuq bil-mod f'dak il-ħin tal-inċident, u li kien id-dlam, kif ukoll kienet nieżla x-xita. Illi l-appellant irrilaxxja **stqarrija oħra datata 14 ta' Jannar 2013**[3] fejn reġa kkonferma illi dakinhar tal-inċident kien id-dlam u kienet ix-xita. Jgħid li kien għaddej bi *speed* normali u li lill-vittma qatt ma ra taqsam u kull ma sema' kienet id-daqqa. Jgħid ukoll li f'dak il-mument la kien aljenat u lanqas għajjien.

Illi, wara l-inċident ġiet varata inkjesta maġisterjali fejn ġew maħtura diversi esperti sabiex jassistu lill-Inkwirenti[4]. Mill-konklużjonijiet tal-espert mediko-legali u tal-patologisti jirriżulta illi l-vittma mietet kaġun tal-ġriehi gravi li sofriet meta ittajjret mill-vettura misjuqa mill-appellant, konsegwenza ta' impatt vjolenti. Illi mill-post fejn seħħ is-sinistru, l-esperti forensiċi ikkonstataw diversi provi cirkostanzjali fosthom:

***(1) Umbrella.***
***(2) Karkur u biċċiet ta' ħġieġ oħxon.***
***(3) Nuċċali tal-vizta.***
***(4) Van Ford Transit Nru. AAA 891 li kellu:-***

***(i) Daqqa konsiderevoli fuq il-bonnet, ċirka terz minn naħa tax-xellug. Il-bonnet kien merfugħ il-fuq;***
***(ii) Fanal tan-naħa tax-xellug quddiem imkisser. Dan kellu ħġieġ oħxon;***
***(iii) Grill ta' taħt il-bonnet mifqugħ;***
***(iv) Il-Van kien ta' tip "single wheel".***

***(A) Brakemark li deher ftit fuq l-art imxarrba.***

---

3 (*a folio* 32 *et seq* tal-Atti Proċesswali)
4(ara proces verbal *a folio* 41 *et seq* tal-Atti Proċesswali).

*Kien hemm il-karozzi ipparkjati fin-naħa tal-bini.*

*Ftit il-fuq minn fejn ġara l-inċident hemm il-Pedestrian Crossing.*

*It-triq kienet imxarrba peress li kienet għamlet ix-xita ftit tal-ħin qabel.*

*Meta l-espert Mario Buttigieg ipprova l-Van fuq il-post, ġie osservat li l-brakes rabtu sew.*[5]

Illi imbaghad l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg jasal għas-segwenti konklużjonijiet:[6]

*Illi dan l-allegat inċident stradali seħħ ġo Triq it-Telgħa ta' Raħal Ġdid, Raħal il-Ġdid, meta Jason Vella kien qed isuq van u ċjoe' ta' għamla Ford mudell Transit li għandha numru ta' reġistrazzjoni AAA 891. Illi kien is-sittax (16) ta' Ottubru 2012, għal ħabta tas-sitta u għaxra (06:10 hr) ta' filgħodu u skond l-evidenza li l-esponent kellu f'idu u anki meta l-esponent għamel l-aċċess it-temp kien ħazin peress li kienet bix-xita, waqt li triq kienet imxarrba. Illi fil-mument tal-allegat inċident is-sewwieq kien waħdu għaddej fil-van ta' l-imgħallem tiegħu. Illi huwa kien allegatament qed iqassam id-doughnuts illi huwa parti minn xogħlu.*

*Illi minn naħa l-oħra l-anzjana Maria Dolores Farrugia kienet qiegħdha taqsam it-triq. Illi kif ġie stabbilit b'mod xjentifiku dak in-nhar Farrugia kienet qiegħdha fuq in-naħa tal-lemin ta' triq u kienet qed taqsam għan-naħa tax-xellug tat-triq. Illi waqt li kienet diġa qassmet tlett kwarti ta' triq l-allegat vittma ġiet milquta minn vettura li kienet għaddejja mill-inħawi u li kienet allegatament qed tiġi misjuqa minn Jason Vella.*

*Illi l-inċident seħħ quddiem il-fond uffiċjalment numerat tmienja u ħamsin (58) li hemm f'din it-triq. Intant meta Farrugia kienet qed taqsam hi ġiet imtajra u sussegwentement hija waqgħet quddiem il-vettura. Illi b'konsegwenza il-vettura soffriet ħsarat moderati fuq quddiem. Illi bid-daqqa Farrugia soffriet ġrieħi ta' natura gravi fejn ġiet ċċertifikatha minn Dr Bianchardi MD mill-Casualty Department tal-iSptar Mater Dei illi kienet fil-periklu li titlef ħajjitha. Illi filfatt b'konsegwenza tal-ġrieħi illi soffriet Maria Dolores Farrugia tilfet ħajjitha ftit siegħat wara illi kien seħħ l-allegat inċident. Illi meta l-pulizija ġew infurmati illi Maria Dolores Farrugia kienet fil-periklu tal-mewt, ġie immedjatament infurmat il-Maġistrat tal-Għassa illi għoġbu jordna inkjesta.*

*Illi waqt l-aċċess l-esponent fuq il-post tal-inċident osserva li l-vettura numru AAA 891 ħalliet sinjali ta' brejkijiet f'wiċċ it-triq. Illi ġie osservat ukoll li l-*

---

[5] Ara xiehda **Perit Richard Aquilina** – (*a folio* 73 *et seq* tal-Atti Proċesswali) li għamel referenza għar-rapport redatt minnu (*a folio* 7 tal-Proċess Verbal)

[6] Ara xiehda Mario Buttigieg in ezami *a folio* 47 *et seq* tal-Atti Proċesswali u in kontro-ezami *a folio* 181 *et seq* tal-Atti Proċesswali) li għamel referenza għar-rapport redatt minnu (*a folio* 56 tal-Proċess Verbal).

*allegat vittma Maria Dolores Farrugia intlaqtet b'veloċita' ta' tlieta u sittin (63kfs) kilometru fis-siegħa.*

*Illi l-esponent ezamina l-vettura dakinhar stess fejn irrizulta li l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba kemm mill-aspett tal-brejkijiet u anki bħala steering. Intant ġie osservat biss li d-dwal fuq in-naħa tax-xellug ma kienx jaħdem waqt li l-wipers kienu jaħdmu sew. Illi ħareġ manifestament ċar li Maria Dolores Farrugia qassmet minn naħa tal-lemin għan-naħa tax-xellug. Dan seta ġie ikkonstatat peress li waqt l-awtopsja ħareġ ċar li Maria Dolores Farrugia kellha tbenġila fil-pexxun fuq in-naħa tax-xellug. Illi Farrugia għazlet illi taqsam minn dan il-punt flok uzat il-pedestrian crossing li kien hemm viċin. Illi Vella allega illi huwa qatt ma ra lill-vittma peress li skond hu ħarġet minn bejn il-vetturi li kienu pparkjati fit-triq fuq in-naħa tax-xellug. Illi madanakollu għalkemm il-veloċita kienet waħda moderata, peress li l-faċċata tal-vann huwa aktar ċatt minn vettura l-ġrieħi subiti huma ferm akbar li kieku l-vittma ġiet milquta minn vettura. Illi minn naħa tiegħu Vella allega illi sema' biss id-daqqa u l-vann li kien qed isuq baqa jitkaxxkar sakemm waqaf.*

*Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent, għalkemm Jason Vella kien qed isuq b'veloċita' permissibli bil-liġi, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni tal-akwati Vella kellu jnaqqas ferm aktar il-veloċita' tiegħu waqt li hu kien għaddej f'din it-triq sabiex jieħu l-prekawzzjonijiet meħtieġa mill-liġi għal sewqan responsabbli. Għaldaqstant l-esponent qiegħed umilment jikkonkludi illi hemm bizzejjed elementi sabiex jittieħdu passi kriminali kontra Jason Vella ...*

Illi ta' rilevanza għar-risoluzzjoni tal-vertenza dwar ir-responsabbilta' tal-appellant għas-sinsitru stradali mertu ta' din il-kawza, hija ix-xiehda ta' **Raymond Formosa**[7] li jiġġestixxi ħanut f'Paola Hill, Raħal Ġdid, minn liema ħanut il-vittma kienet tmur kull filgħodu tixtri il-gażżetta. Dan qed jingħad billi l-appellant jikkontendi illi l-vittma qasmet minn naħa tax-xellug tat-triq għan-naħa tal-lemin direzzjoni lejn il-Marsa u mhux *vice-versa* kif jikkonkludi l-espert Buttigieg, u li dan ma setax jaraha qabel l-impatt għaliex din ħarġet minn bejn il-vetturi li kienu ipparkeġġjati. Dan Formosa ikkonferma illi Farrugia kienet tmur għandu kull filgħodu għal ħabta tas-sitta neqsin kwart u li dakinhar tal-inċident, hija kienet għadha ma marritx tixtri l-gażżetta mingħandu u li huwa ma rahiex taqsam it-triq. Kull ma sema kien il-ħoss tal-inċident in kwistjoni. Dan ikompli jsaħħah allura il-provi ċirkostanjzali li jemerġu mill-atti illi

[7]in ezami *a folio* 126 *et seq* tal-Atti Proċesswali u in kontro-ezami *a folio* 174 *et seq* tal-Atti Proċesswali)

l-vittma kienet għadha sejra tixtri u kwindi huwa aktar verosimili li hija qasmet minn naħa tal-lemin għax-xellug biex tmur tixtri minn għand tal-ħanut.

***Ikkunsidrat:***

Illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant għal dan is-sinistru stradali billi kienet tal-fehma, wara li għamlet apprezzament tal-provi li kellha quddiemha, illi l-kawza prossima ta' dan l-investiment kien in-nuqqas ta' *proper lookout* minn naħa tal-appellant li fi triq dritta, ħielsa minn traffiku ieħor, meta kien qed jibda ibexbex u bit-traxxix tax-xita, huwa lanqas biss induna illi kien hemm *pedestrian* qed taqsam it-triq, tant li nduna biss bil-presenza tagħha mal-impatt. Mhux biss, iżda fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi tenut kont li l-appellant kien qed isuq f'żona ta' abitazzjoni, kien qed javviċina l-istrixxi pedonali u billi ukoll kien għadu d-dlam u kienet niezla ix-xita, huwa kellu jeżerċita prudenza akbar tenut kont tal-kondizzjonijiet ambjentali u tat-traffiku preżenti f'dak il-ħin, tant għalhekk illi tikkonkludi li l-appellant ma kienx prudenti fis-sewqan tiegħu u kien traskurat.

Illi għalkemm il-leġislatur naqas milli jagħti spjegazzjoni tat-termini "*nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni*", madanakollu l-Qrati tagħna dejjem interpretaw dawn it-termini bħala nuqqas ta' attenzjoni u ta' teħid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'ċirkostanza partikolari.

Illi, huwa prinċipju ben stabbilit li sewwieq għandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjaħ "*proper look out*". Ġie ritenut diversi drabi li "*Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*"[8]

Illi, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li, "*... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-*

[8] "Il-Pulizija vs Roderick Debattista", deċiza nhar is-26 ta' Mejju, 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

*nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet...*"[9]. Jiġi mfakkar f'dan l-istadju li anke f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġui. *In segwitu*, l-Ewwel Qorti kellha l-obbligu legali li, a bazi tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, tanalizza jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz, kienux jippermettu lill-appellant li jintebaħ minn qabel bil-konsegwenzi tal-aġir tiegħu. *Di piu'*, anke jekk għall-grazzja tal-argument, u għall-grazzja tal-argument biss, l-appellant ma zammx il-'*proper look out*' u l-provi prodotti jindikaw li anke kieku tali '*proper lookout*' inzamm xorta waħda kien iseħħ dan l-incident, mela allura l-appellant ma seta' qatt jinsab ħati stante li l-inċident ma kienx wieħed prevedibbli.

Illi, il-Qorti tal-Appell (sede Ċivili) fil-kawza fl-ismijiet "Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino"[10], deċiza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi –

> ***... f' materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F' materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti.***

Illi, sabiex tirriżulta l-*culpa*, għalhekk iridu jirriżultaw l-volontarjeta' ta' l-att, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannuħi ta' dak l-att u l-possibbilita' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja, li l-liġi ma tesiġix, u li *semmai* tista' ġġib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija[11]. Il-ġurist Francesco Carrara jgħid hekk dwar il-*culpa:*

> ***... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo***
>
> - ***1° volontarieta` dell'atto***
> - ***2° mancata previsione dell'effetto nocivo***
> - ***3° possibilita` di prevedere.***

---

[9] Deċiza nhar is-6 ta' Ġunju, 2003 per Onor. Imħallef V. DeGaetano.

[10] Per Onor. Imħallef J. Said Pullicino, Onor. Imħallef C. A. Agius u Onor. Imħallef J. D. Camilleri.

[11] *Vide* "Il-Pulizija vs John Vella", deċiza nhar il-15 ta' Diċembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

Illi, bl-istess mod, il-Professur Anthony J.Mamo, fin-noti tiegħu, jgħid hekk –

> ***In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable.***

Illi, l-Antolisei, iżda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita' ta' l-azzjoni meta iqis illi tirriżulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuż ma kienx wieħed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuż ma iseħħx –

> ***Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti:***
>
> ***(a) la violazione di una regola;***
> ***(b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.***
>
> ***In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva.***

Illi, awturi oħra bħal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta' l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-*culpa* fil-fehma tagħhom tinkwadra ruhha f'erba' elementi -

1. ***un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;***
2. ***un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;***
3. ***l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;***
4. ***la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***

Illi, dak illi għandu jiġi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wieħed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emerġenza subitanea, tant għalhekk illi l-event dannuż ma seta' qatt jiġi evitat anke jekk bl-ezerċizzju għoli ta' diliġenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imġieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bħal din ċertament teskludi kull forma ta' negliġenza, imprudenza, traskuraġini jew non-osservanza tar-

regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li jfassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Dan qed jingħad għaliex anke il-*pedestrian* minn naħa l-oħra għandu/għandha l-obbligu li j/tħares r-regoalmenti tat-traffiku fl-użu li jsir tat-toroq speċjalment dawk arterjali. Illi skond il-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq il-'*pedestrians*' jistgħu jkunu responsabbli għall-konsegwenzi kkaġunati lilhom stess jew lil ħaddiehor minħabba nuqqas ta' osservanza tal-Liġi. Illi, sabiex *pedestrian* jaqsam triq, l-ewwel jeħtieġ li jsib post bla periklu; madanakollu huwa ferm aħjar li *pedestrian* jaqsam minn postijiet maħsuba għall-qsim. Huwa l-obbligu ta' kull *pedestrian* illi fin-nuqqas ta' dan il-post maħsub għall-qsim, jaqsam minn post fejn is-sewwieqa jkunu jistgħu jarawh sew. Fil-fatt skond il-paragrafu 43 tal-Kodiċi għat-traffiku fit-Triq, *"Fejn ikun hemm post ta' qsim ghal pedestrians (jew subway) jew f' distanza ta' madwar 50 metru ' l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x' imkien iehor"*.

Illi, dwar l-obbligu tal-*pedestrian*, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Caruana" deċiza fl-14 ta' Mejju 1955, stabbilit li –

> ***Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian.***

Illi, għalhekk, issa, a bazi ta' din l-esposizzjoni legali u tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi, il-Qorti trid tara jekk l-Ewwel Qorti kenitx legalment u fattwalment ġustifikata li tasal għal konklużjoni illi dak li wassal għall-inċident *de quo* u ċioe għall-mewt ta' Maria Dolores Farrugia kienx riżultat ta' kondotta volontarja negliġenti, u traskurata minn naħa tal-appellant, jew jekk mill-banda l-oħra kienx hemm xi fattur ieħor li minħabba fih l-event dannuż ma seta' qatt jiġi evitat.

***Ikkunsidrat:***

Illi, l-ewwel punt ta' kontestazzjoni li jqajjem l-appellant huwa dwar id-direzzjoni li minnha qasmet il-vittma dakinhar tal-inċident. L-istess appellant jikkontendi li l-vittma qasmet minn naħa tax-xellug tat-triq għan-naħa tal-lemin u mhux bil-kontra, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. *In oltre*, l-appellant jgħid li "*il-provi mhux talli huma dubjuzi talli ... jirrizulta bl-iktar mod ċar dubju raġonevoli*".

Illi, din il-Qorti tibda' billi tirrimarka illi xhieda okulari għal dan l-inċident ma kienx hemm. Kemm Raymond Formosa kif ukoll Daniel Caruana, li kienu fuq il-post fil-ħin tal-inċident in kwistjoni, saħqu li ma rawx la lill-vittma taqsam u lanqas l-inċident iseħħ. Kull ma semgħu kien il-ħoss tal-impatt. Għalhekk huma ma setgħu jitfgħu ebda dawl fuq id-dinamika tal-inċident. Raymond Formosa, jixhed madanakollu, kif diġa' ingħad, li Farrugia kienet ta' kuljum tmur tixtri l-gażżetta mingħandu u spjega ukoll kif kienet taqsam it-triq fil-maġġior parti tad-drabi, għalkemm dan ma jistax jitfa' dawl fuq dak li seħħ fil-jum tas-sinistru. Jingħad, iżda illi Fromosa jixhed illi dak in-nhar Farrugia kienet għadha ma marritx tixtri minn għandu.

Illi, *in oltre*, ma nġabet l-ebda prova oħra bħal xi filmati minn kameras ta' sigurta' (*CCTV footage*) li setgħu qabdu l-inċident hekk kif kien qed iseħħ u li ċertament kienu jrendu l-ħajja ferm aktar faċli sabiex wieħed jiddetermina id-dinamika tal-inċident.

Illi, għalhekk, il-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti kienu l-verzjoni tal-appellant u l-provi ċirkostanzjali l-oħra li minnhom l-esperti maħtura fl-*in genere* setgħu jagħmlu l-kostatazzjonijiet tagħhom abbazi tas-sengħa u l-ħila ta' kull wieħed minnhom. L-appellant qed jikkontendi li dawn il-provi miġbura mill-esperti joħolqu "*a lurking doubt*" u "*ma setgħu qatt jagħtu lill-Ewwel Onorabbli Qorti s-serħan tal-moħħ neċessarju biex isejjes il-ġudizzju tagħha fuq tali indizzju*".

Illi, dwar il-ħatra tal-esperti mill-Qorti u l-opinjoni mogħtija minnhom, teżisti ġurisprudenza kostanti u kopjuza. Fis-sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v George Xuereb"[12] ġie ritenut -

> ***Illi għalkemm huwa minnu li jista' jiġi argumentat li l-liġi qiegħda u trid tassikura li l-Qorti għandha tkun indipendenti u mparzjali u ma ssemmi xejn dwar il-ħatra tal-esperti, huwa minnu wkoll pero` li fl-ewwel lok l-espert***

[12] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), deċiza nhar 23 ta' Jannar 2014.

***maħtur mill-Qorti wkoll għandu jitqies bħala mparzjali u 'l hinn minn kull suspett jew dubbju dwar l-integrita` tiegħu; fit-tieni lok, l-espert tekniku jiġi maħtur biex jassisti l-Qorti f'materja fejn l-istess Qorti di scientia proprio ma tkunx midħla tas-suġġett u għalhekk f'tali kompitu l-istess espert għandu jkun soġġett għall-istess regoli ta' skrutinju bħal kull ġudikant ieħor u dana peress illi f'dik id-deċiżjoni ossia konklużjoni partikolari tiegħu għalxiex ikun ġie maħtur, huwa ser ikollu rwol sostanzjali jekk mhux addirittura deċiżiv fuq dik il-materja in kwistjoni; u fit-tielet lok wieħed ma għandux jinsa wkoll prinċipju ieħor fondamentali li jgħid li l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid ukoll tidher li qiegħda ssir;***

***Illi għalkemm huwa minnu li rapport peritali huwa fih innifsu biss espressjoni ta' opinjoni u kwindi l-Qorti tista' liberament ma tistrieħx fuq tali konklużjoni, il-possibilita` li tali ċirkostanza tista' tavvera ruħha realment hija ferm improbabbli jekk mhux addirittura kważi impossibbli peress illi jekk il-Qorti tkun ħatret espert biex jirrelata fuq materja fejn l-istess Qorti ma tifhimx, diffiċli wieħed jista' jara ċirkostanza fejn l-istess Qorti in segwitu ma ssegwix jew ma taċċettax tali rapport imħejji mill-espert nominat minnha stess. Tkun ċirkostanza ferm inkredibbli u ċertament mhux realistika ...***

Illi mill-konklużjonijiet milħuqa mill-espert Mario Buttigieg jirriżulta li l-vittma "*spiċċat milquta fuq in-naħa tax-xellug tat-triq fejn kien hemm il-vetturi pparkjati*" u li "*d-daqqa fuq il-vettura kienet fuq quddiem fuq in-naħa tax-xellug*". Sussegwentement ikompli jgħid li "*jirriżulta b'mod lampanti li d-daqqa li l-vittma ħadet kienet bil-quddiem tal-vettura. Illi meta l-pedestrian allegatament intlaqtet hija ħabtet mal-bonnet u sussegwentement ġisimha tar il-quddiem fejn ħabtet rasha mal-art b'dak li tissejjaħ 'forward projection'*". Ukoll jgħid li meta huwa tkellem mat-tabib forensiku, Dr Mario Scerri, "*l-istess espert stqarr illi kienet instabet tbenġila fuq kuxtejn ix-xellugija tal-vittma u li l-istess tbenġila kienet kompattibbli ma' daqqa. Illi dan il-fattur jindika illi Farrugia kienet qed taqsam minn naħa tal-lemin u kienet sejra għan-naħa tax-xellug. Illi meta Farrugia kienet qasmet tlett kwarti ta' triq hi ġiet milquta bil-quddiem tal-vettura fuq in-naħa tax-xellug*". Dan kollu huwa korroborat minn Dr Mario Scerri li filfatt kkonkluda li l-"*primary impact*" ta' dan l-inċident seħħ propju fuq in-naħa tax-xellug tat-triq in kwistjoni.

Illi, l-appellant jikkontesta dawn il-konklużjonijiet meta jisħaq illi l-vittma harġet minn naħa tax-xellug minn bejn il-karozzi pparkjati u kien hemmhekk li propju tajjarha. *In oltre*, fir-rikors t'appell jgħid hekk – "*Għal kuntrarju jirrizulta ppruvat sal-grad tal-probabbli illi dak in-nhar tal-inċident sfortunat, il-vittma kienet ġia qassmet mil-lemin*

*għax-xellug u mal-ħabta kienet sejra terġa taqsam lura lejn ir-residenza tagħha, ossia mix-xellug għal-lemin, probabilment għax kienet insiet il-portmoni. Dan kollu jikkonferma l-verzjoni tal-esponenti*". Illi dwar din is-sekwenza ta' fatti li jsemmi l-appellant ma nġabet l-ebda prova fl-atti u għaldaqstant dawn jikkostitwixxu sempliċiment konġetturi fl-arja li l-Qorti ċertament ma tistax tieħu in konsiderazzjoni. Ma kien hemm ebda xhud inoltre li jsaħħaħ din il-verżjoni tal-fatti li jikkonġġettura l-appellant billi ma hemm ebda prova li tindika ir-raġuni 'il għala l-vittma ħarġet minn darha dakinhar, fejn kienet sejra u x'kienet ser tagħmel – li kienet tagħmel is-soltu ma jfissirx li kienet bi ħsiebha tagħmel l-istess dakinhar ta' l-inċident. Għalhekk, ġaladarba ma nġabu l-ebda provi fir-rigward, il-motivazzjonijiet u d-deċizjonijiet tal-vittma dakinhar ta' l-inċident jibqgħu mistura, salv għal dak li ġie kkonstatat permezz tal-eżamijiet forensiċi u xjentifiċi kondotti mill-esperti maħtura waqt l-inkjesta maġisterjali.

Illi, ukoll l-appellant jgħid li l-fatt li ġie stabbilit li l-vittma kienet tbati minn "*rheumatoid arthritis and could not go fast*" tiffavorixxi l-verzjoni tiegħu. Din il-Qorti ma tikkonvidix tali argument, anzi temmen li ġaladarba l-vittma kellha l-movimenti tagħha restritti, ċertament li hi ma setgħat qatt taqsam it-triq bħal leħħa ta' berqa u allura l-appellant kellu il-ħin kollu sabiex jinduna biha qed tinvadi il-karreġġjata tat-traffiku tiegħu tempestivament. Jiġi mfakkar ukoll li l-espert Mario Buttigieg ikkonkluda li l-vittma kienet ġia laħqet qasmet tlett kwarti tat-triq meta seħħ l-impatt, u għalhekk ma kienitx ħaġa daqstant impossibbli li l-appellant jaraha kieku kien qed izomm "*a proper lookout*" kif suppost.

Illi, l-appellant ikompli jargumenta li hu kien prudenti fis-sewqan tiegħu u ma kienx għaddej b'veloċita' eċċessiva. Din il-Qorti, għal darb'oħra, ma tikkondivix tali argument. Bħala parentesi, huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant ħati ta' sewqan b'veloċita eċċessiva. Huwa minnu ukoll li l-Avukat Ġenerali ma ntavolax appell a rigward dan il-punt. Għalhekk din il-Qorti għandha idejha marbuta sa ċertu punt fuq dan, pero xorta ser tgħaddi l-osservazzjonijiet tagħha a rigward stante li tħoss li dan għandu impatt fuq l-aggravji tal-appellant.

Illi, l-espert Mario Buttigieg ikkonstata li dak il-ħin li sar l-inċident, l-appellant kien qed isuq b'veloċita' ta' 63 kilometru fis-siegħa, u dana meta l-*ispeed limit* fil-post in kwistjoni kien dak ta' 60 kilometru fis-siegħa. Infatti, l-espert ikompli jelabora dwar l-istess, hekk kif isegwi – "*Fejn allegatament seħħ l-inċident kien imdawwar bil-bini. L-Artikolu 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur tgħid li 'l-veloċita' ta' vettura misjuqa ġo nħawi bħal dawn m'għandix teċċedi l-veloċita' ta' 60km/h'. Għalkemm il-Highway Code ta' Malta jgħid 'dejjem li għandek issuq bil-mod u bl-attenzjoni speċjalment fejn ma jkunx hemm bankini jew sidewalks fejn jista' jkun hemm pedestrians, cyclists jew karozzi pparkjati. F'xi inħawi, jista' jkun hemm limitu ta' l-ogħla veloċita' ta' 35kph'*".

Illi, *in oltre*, huwa minnu li l-*pedestrian crossing* li kien hemm fuq il-post kien diġa' inqabeż mill-appellant, pero' minn dan il-fatt isegwi li jekk huwa kien naqqas il-veloċita' qabel l-istess *pedestrian crossing*, ċertament li ma kienx ħa jkun laħaq tella' daqshekk veloċita ftit tal-metri warajha, anke fid-dawl tal-fatt li kien kwazi wasal ħdejn il-bokka li minnha t-traffiku jasal għal mar-*roundabout*, u għalhekk suppost li hu kien beda inaqqas il-veloċita' tiegħu. Apparti minn dan kollu, hekk kif konstatat ukoll mill-esperti, dakinhar tal-inċident, għalkemm il-viżibilita' ma kinitx waħda ħazina, ix-xita kienet qegħdha traxxax u kien għadu qed jisbaħ. Dan iwassal għal konklużjoni li f'dawk iċ-ċirkostanzi ambjentali, fil-post partikolari fejn seħħ is-sinistru, kellha tittieħed ħafna aktar attenzjoni mill-appellant fis-sewqan tiegħu u kellu jinżamm *lookout* ħafna aktar akkurat milli effettivament inżamm.

Illi, huwa minnu ukoll li l-vittma għazlet li ma taqsamx minn fuq l-istrixxi pedonali li kienu jinsabu  ftit aktar 'il fuq minn fejn ġara l-inċident u għaldaqstant, hija l-fehma ta' din il-Qorti li kien hemm grad ta' kontributorjeta' da parti tal-vittma kif *del resto* rriteniet ukoll l-Ewwel Qorti. Madanakollu il-*Highway Code ta' Malta*, stess igħallem:–

> ***268. Watch for the pedestrian who comes out suddenly from behind stationary vehicles or other obstructions. Be specially careful of this near schools and bus stops. ...***
>
> ***270. Most pedestrians killed or seriously injured are either under 15 or over 60. The young and the elderly may not judge speed very well and may step into the road when you do not expect them. Watch out for blind people who may be carrying white sticks (white with two red reflectorised bands for deaf/blind people) or using guide dogs, and for the disabled or infirm. Give them plenty of***

***time to cross the road. Remember that deaf people may not hear your vehicle approaching.***

Illi, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud", datata 26 ta' Ġunju 1954, ġie ritenut li:

> ***"driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.***

Illi, ġie ritenut ukoll li –

> ***Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet***
>
> ***a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***
>
> ***b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***
>
> ***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."***

Illi, għalhekk, minn dawn il-linji gwida ġurisprudenzjali, jemerġi illi sabiex is-sewwieq ikun eżentat minn kwalunkwe responsabbilta' għall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova ċara ta'l-hekk imsejjħa 'emergenza subitanea' li tinħoloq mill-*pedestrian* meta jiddeċiedi li jaqsam it-triq, emerġenza li tpoġġi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidħol il-grad tal-*culpa* tas-sewwieq għal event dannuż hekk kif imfisser aktar 'il fuq. Issa l-appellant jikkontendi illi huwa induna bil-presenza tal-*pedestrian* biss mall-impatt meta it-triq kienet dritta u vojta u meta Farrugia, il-vittma, kienet mara anzjana li ċertament, f'temp ta' ftit minuti, ma kenitx ser toħroġ tiġri għal quddiem il-vettura tiegħu. Illi allura anke jekk *gratia argomenti* biss l-Qorti kellha tilqa' t-teżi tiegħu illi l-vittma harġet minn bejn il-vetturi meta ġiet biex taqsam it-triq, xortawħda l-appellant seta' induna bil-presenza tagħha tempestivament li kieku kien

attent għal dak li qed jiġri madwaru u fil-viċinanzi tiegħu, haġa li evidentement ma kienx qiegħed jagħmel.

Għaldaqstant abbazi tal-provi kollha miġbura u abbazi tal-ġurisprudenza in materja din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċizjoni tagħha fir-rigward ta'l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant u illi ir-responsabbilita' kriminali tal-appellant ġiet ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-Liġi.

***Ikkunsidrat:***

Illi, sorvolat l-ewwel l-aggravju tal-appellant, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għall-akkużi li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati, senjatament fir-rigward ta'l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu.

Illi, primarjament ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[13]

Illi, l-Ewwel Qorti, wara li sabet ħtija għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, erogat il-piena ta' sentejn priġunerija, liema perijodu ta' priġunerija ġie sospiż għall-erba' snin fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, flimkien mal-kundanna ta' multa ta' €2,000, u ordnat ukoll l-iskwalifika tal-liċenzji kollha tas-sewqan tal-istess appellant għal perijodu ta' sena "*bl-applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*". L-appellant qed jikkontendi li mid-diċitura ta' l-istess Artikolu 30, l-iskwalifika mhijiex waħda tassattiva u lanqas tistipula xi żmien, minimu jew massimu, għal tali skwalifika. Fid-dawl ta' hekk, l-appellant qed jikkontendi li l-perijodu ta' sena skwalifika kien wieħed eċċessiv.

---

[13] Ara f'dan is-sens The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi, din il-Qorti ma tistax taqbel mar-raġunament tal-appellant, u dana għaliex primarjament l-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali jibda propju bis-segwenti kliem "*Mingħajr ħsara tad-dispozizzjonijiet ta' kull liġi oħra ...*". L-Ewwel Qorti, hekk kif indikat fl-artikoli tal-liġi iċċitati fis-sentenza appellata, sabet ħtija ukoll fit-termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi:

> ***Kull min –***
> ***(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle ...***
> ***ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.***
> ***...***
> ***(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta'mhux anqas minn sena.***
> ***...***

Illi, primarjament jingħad li l-iskwalifika tal-liċenzja kkontemplata taħt dan l-Artikolu appena ċitat hija waħda tassattiva u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta imponiet tali skwalifika fuq l-appellant. Issa filwaqt li huwa minnu li l-vittma kkontribwiet għall-inċident meta għazlet li ma taqsamx mill-istrixxi pedonali, xorta jibqa' l-fatt li l-appellant ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku u ma zammx "*a proper lookout*" kif rikjest jagħmel, speċjalment fiċ-ċirkostanzi temporali ta' dakinhar tal-inċident u tal-post fejn seħħ l-istess. Magħdud ma' dan kollu jibqa' l-fatt ukoll li f'dan l-inċident tilfet ħajjitha mara anzjana.

Illi, għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, inkluż l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant u t-terminu tagħha, kienet taqa' fil-parametri tal-Liġi u għalhekk tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fir-rigward, b'dan illi l-piena erogata ma għandiex tiġi varjata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**